**15 ta' Frar, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Edwin Bartolo u Alfred Desira

*versus*

Aġent Reġistratur tal-Qrati *noe. et.*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Konvenzjoni Ewropeja – Libertà personali – Libertà provviżjorja – Arrest – Rikors – Urġenza – Kompilazzjoni – Leġittimu kontradittur – Kummissarju tal-Pulizija – Reġistratur tal-Qrati – Nullità – Formaliżmu – Ultra Petita**

*Rikors magħmul minn imputati fil-kors ta' kompilazzjoni billi l-arrest tagħhom kien illegali u bi ksur tal-artikoli 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddikjarat li bid-digriet tal-Qrati tal-Maġistrati fuq rikorsi tal-rikorrenti biex tiġi akkordata lilhom il-libertà provviżjorja f'liema digriet irriservat li tipprovdi dwar it-talba għall-libertà provviżorja fl-ewwel seduta tal-kompilazzjoni, u dan meta ma kienx hemm data fissata għal dik is-seduta, saret vjolazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, tad-dritt fundamentali għall-libertà personali sanċita bl-artikoli 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u 34(1) tal-Kostituzzjoni u ordnat lill-Qorti tal-Maġistrati tittratta r-rikors tagħhom. Fuq appell tal-intimati l-Qorti Kostituzzjonali*

*kkonfermat, però, billi fil-frattemp ir-rikors għall-libertà provviżorja kien ġie trattat u deċiż, iddikjarat eżawrit il-meritu tal-ordni mogħti mill-Prim'Awla.*

*Ir-rikorrenti kienu ġew mressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati b'arrest. Ir-rikors tagħhom għall-libertà provviżorja ma kienx instema' u ma ġiex dekretat fl-ewwel seduta meta l-Qorti ddiferiet għall-kontinwazzjoni. Sussegwentement, fit-13 ta' April, 1989 il-Qorti tal-Maġistrati kkonċediet il-libertà provviżorja lir-rikorrenti.*

*Il-Qorti rriteniet li mhux korrett li jingħad li f'kawża kostituzzjonali dwar ksur tad-drittijiet fundamentali ma hemmx il-ħtieġa tal-leġittimu kontradittur. Il-Kummissarju tal-Pulizija però huwa leġittimu kontradittur f'kawża simili. L-Aġent Reġistratur billi kien 'locus standi' fil-kawża inkwantu li naqas li jinnotifika r-rikors tar-rikorrenti għall-libertà provviżorja tempestivament.*

*B'kawżi simili l-formalità hija ridotta għall-minimu neċessarju w l-Qorti tista' ssib vjolazzjoni anki fuq bażi ta' artikoli mhux ċitati mir-rikorrenti u b'hekk tagħti dak ir-rimedju li jidrilha xieraq anke jekk dan ikun 'ultra petita'.*

*Rikors għall-libertà provviżorja għandu jiġi trattat bl-akbar urġenza, speċjalment meta il-proċeduri kriminali jkunu fil-bidu tagħhom. In-nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati li titratta r-rikors tagħhom għall-libertà provviżorja bid-debita urġenza kien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom.*

Il-Qorti: – kkunsidrat:

Fil-11 ta' April, 1989, l-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla, ippronunzjat is-sentenza li se tiġi riportata:

Il-Qorti, – rat ir-rikors ta' Edwin Bartolo u Alfred Desira li bih ippremettew:

Illi huma ġew arrestati u ppreżentati quddiem il-Qorti bil-lejl tal-31 ta' Marzu, 1989. Il-Qorti tal-Maġistrati s'issa ma kkonċeditx il-libertà provviżorja u għalhekk l-esponenti għadhom taħt arrest;

Illi d-difensuri fil-meritu tal-każ, Dr. Joseph M. Buttigieg ġie nfurmat li s-smiegħ tax-xhieda se jibda fid-19 ta' April, 1989, waqt li Dr. Frank Cassar l-anqas biss ġie mgħarraf bid-data ta' l-appuntament, minkejja li insista ma' l-uffiċjal prosekutur u mal-Qorti biex tiġi stabbilita d-data;

Illi dan jikkostitwixxi ksur tal-liġi u tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali;

1. Huwa ksur tal-Kodiċi Kriminali li fl-artikolu 401, it-tieni proviso, li jgħid li bniedem li jkun bla ħelsien mill-arrest għandu jinġieb mill-anqas darba kull ħmistax-il jum biex jiġi eżaminat jekk għandux jibqa' taħt arrest; u dan apparti kull presunzjoni ta' innoċenza;

2. Huwa ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja ċitata fl-artikolu 5(3) li persuna arrestata għandha tinġieb *'promptly'* quddiem ġudikant. U l-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet li dan it-terminu m'għandux ikun ta' aktar minn erbat ijiem. Mhux biżejjed li jkun hemm l-akkuża maħlufa mill-prosekuzzjoni quddiem maġistrat, li jintalab li jinvestiga l-każ skond il-liġi imma jrid ikun hemm il-provi li l-ġudikant idaħħluh fil-funzjoni li jista' jiġġudika, u huwa fid-dover li fl-istess termini tal-Konvenzjoni jinvestiga bla dewmien u dan billi jinġiebu l-fatti quddiemu. Inoltre dan huwa tassattiv fis-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu li jgħid li kull persuna għandha jkollha aċċess

għal Qorti biex din tara l-*"lawfulness"* ta' l-arrest tiegħu, u kemm-il darba ma teżistix din il-kwalità, tordna r-rilaxx tiegħu, u dan b'effett immedjat. Illi ċertament dan qed jinkiser flagrantement f'dan il-każ;

3. Illi inoltre din is-sitwazzjoni tikser il-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-artikolu 39(1) fejn hemm l-imposizzjoni ta' *"reasonable time"* li japplika għal kull stadju tal-proċeduri, u inoltre jimponi li jkun quddiem Qorti *'established by law'*, u għalhekk l-istess Qorti hija marbuta mal-liġijiet tal-pajjiż, inkluż l-Att XIV tal-1987.

U talbu li din il-Qorti stante li l-arrest issa sar illegali, peress li hemm il-ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-ksur tal-Kostituzzjoni;

1. torda r-rilaxx tar-rikorrenti b'effett immedjat; u dan b'applikazzjoni tal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (Att XIV tal-1987) u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni;

2. tagħti dawk il-provvedimenti, direttivi, u *"warrants"*, u dawk l-ordnijiet, immedjati u mingħajr dewmien li huma opportuni għal każ, poteri mogħtija lill-Qorti anki in via preliminari ħalli ma jkunx hemm preġudizzju anke sakemm il-kawża tiġi dibattuta (u dan fuq l-iskorta tal-kawża Delia vs Reġistratur tal-Qrati li għadha pendenti fil-Qorti Kostituzzjonali, u fejn l-imputat ingħata l-libertà provviżorja);

3. tiddikjarra li hemm ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja fl-artikolu 5(3) u (4) imsemmija u tal-Kostituzzjoni fl-artikolu 39(1), u konsegwentement li l-arrest sar illegali, b'riserva tal-azzjoni

għad-danni morali u materjali stabbiliti mill-istess Konvenzjoni u mill-istess Kostituzzjoni.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, li biha ssottometta:

a. Illi r-rikors, kwantu dirett fil-konfront tiegħu, hu sostanzjalment null stante li xejn ma hu qed jiġi allegat fl-istess rikors li jista' jġib bħala konsegwenza l-kundanna tal-esponenti skond it-talbiet, u għalhekk ukoll hu għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress li mhux il-leġittimu kontradittur;

b. Illi bla preġudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt. Mhux biss ma hemm ebda ksur ta' xi dritt fundamentali, iżda r-rikorrenti għadhom ma użawx ir-rimedji ordinarji għall-ksur allegat liema rimedji kienu u għadhom disponibbli għalihom skond il-liġi, u għalhekk dina l-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha kif mitluba u dan skond il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Att XIV tal-1987.

c. Illi hu palesi li l-iskop tar-rikors odjern hu li l-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrenti għandhomx jingħataw il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest tiġi spustata minn quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti Istruttorja (li din il-Qorti mhux biss hija kompetenti iżda wkoll idonea biex tivvaluta ċ-ċirkostanzi kollha inkluża l-idoneità tal-imputat li jagħti garanzija adegwata skond il-liġi u li ma jinkwinawx il-provi) għal quddiem dina l-Qorti, b'mod li l-benefiċċju fuq imsemmi jingħata bla ma dawk iċ-ċirkostanzi rilevanti, skond il-Kodiċi Kriminali, għal għoti o meno ta' dak

il-benefiċċju, jiġu kunsidrati. Illi r-rikorrent jirrileva li l-valutazzjoni ta' dawn iċ-ċirkostanzi hija essenzjali għall-funzjonament tal-proċeduri penali u tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja f'kull pajjiż ċivilizzat u għalhekk ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti jistgħu qatt jippretendu li l-istultifikazzjoni ta' dawna l-proċeduri penali tista' qatt issir taħt il-pretest tat-twettiq ta' Drittijiet Fundamentali;

d. Illi l-każ ċitat mir-rikorrenti, u ċjoè Delia vs Reġistratur tal-Qrati ma jagħmilx għal każ għax il-fatti kienu ***toto cielo*** differenti minn dawk odjerni;

e. Illi l-lanjanza a bażi tad-dritt għal proċeduri fi żmien raġjonevoli hi rriżorja tenut kont ta' meta r-rikorrenti tressqu l-Qorti u tan-natura tal-akkużi;

f. Illi d-disposizzjoni tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ġiet osservata pjenament u l-argumenti ngarbuljata tar-rikorrenti dwar dan l-artikolu huma xiehda ta' dan.

Rat ir-risposta ta' l-Aġent Reġistratur tal-Qrati li biha ssottometta:

a. Illi preliminarjament ir-rikors hu irritu w null stante li l-esponent ma għandux ir-rappreżentanza ġjuridika tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Apap Bologna;

b. Illi subordinatament u bla preġudizzju, ir-rikors hu irritu w null għax il-Qorti li suppost li qed jirrapreżenta ma

teżistix, jeżistu dawk il-Qrati ndikati fl-artikolu 4 tal-Kap. 12 u 367 tal-Kap.9, però ċertament ma teżisti ebda Qorti bl-isem indikat fl-okkju u ċjoè Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta presjeduta mill-maġistrat Dr. Joseph Apap Bologna; inoltre l-esponent ma jistax jifhem x'interess jista' għandhom ir-rikorrenti li jidderiġu l-pretensjonijiet tagħhom kontra Qorti biss kif presjeduta minn maġistrat partikolari li għażlu wkoll li jidentifikawh b'ismu;

ċ. Illi sbordinatament u bla preġudizzju hu ġie mħarrek inutilment f'dina l-kawża stante li kemm fil-kwalità tiegħu propju kif ukoll fil-kwalità li fiha ġie ċitat hu ma huwiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

d. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti, kwantu diretti kontra tiegħu in rappreżentanza (kieku hemm tali rappreżentanza) ta' Qorti huma insostenibbli u karenti minn fondament ġuridiku stante illi fis-sistema tar-rit ġuridiku tagħha l-Qorti mhix azzjonabbli iżda d-deċiżjonijiet tagħha soġġetti, f'ċerti każijiet speċifikati mil-liġi, li jiġu mpunjati skond il-liġi;

e. Illi bla preġudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fid-dritt u fil-fatt. Mhux biss ma hemm ebda ksur ta' xi dritt fundamentali, iżda r-rikorrenti għadhom ma użawx ir-rimedji ordinarji għall-ksur allegat liema rimedji kienu u għadhom *disponibbli għalihom skond il-liġi, u għalhekk dina* l-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha kif mitluba u dan skond il-proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Att XIV tal-1987;

f. Illi hu palesi li l-iskop tar-rikors odjern hu li l-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrenti għandhomx jingħataw il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest tiġi spustata minn quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti Istruttorja (li hi l-Qorti mhux biss kompetenti iżda wkoll idonea biex tivvaluta ċ-ċirkostanzi kollha inkluża l-idoneità tal-imputati li jagħtu garanzija adegwata skond il-liġi u li ma jinkwinawx il-provi) għal quddiem dina l-Qorti, b'mod li l-benefiċċju fuq imsemmi jingħata bla ma dawk iċ-ċirkustanzi rilevanti, skond il-Kodiċi Kriminali, għal għoti o meno ta' dak il-benefiċċju, jiġu kunsidrati. Illi r-rikorrent jirrileva li l-valutazzjoni ta' dawna ċ-ċirkostanzi hija essenzjali għall-funzjonament tal-proċeduri penali u tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja f'kull pajjiż ċivilizzat u għalhekk ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti jistgħu qatt jippretendu li l-istultifikazzjoni ta' dawna l-proċeduri penali tista' qatt issir taħt il-pretest tat-twettiq ta' Drittjiet Fundamentali;

g. Illi l-każ ċitat mir-rikorrenti, u ċjoè Delia vs Reġistratur tal-Qrati ma jagħmilx għal każ għax il-fatti kienu ***toto cielo*** differenti minn dawk odjerni;

h. Illi l-lanjanza a bażi tad-dritt għal proċeduri fi żmien raġjonevoli hi irriżorja tenut kont ta' meta r-rikorrenti tressqu l-Qorti u tan-natura tal-akkużi;

i. Illi d-disposizzjoni tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ġiet osservata pienament u l-argumenti ingarbuljati tar-rikorrenti dwar dan l-artikolu huma xieħda ta' dan.

Rat l-atti l-oħrajn kompriżi l-kopja ta' l-atti tal-kompilazzjoni fl-ismijiet "il-Pulizija kontra Edwin Bartolo u Alfred Desira" pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema kopja ġiet esebita mir-Reġistratur fl-atti tal-preżenti rikors b'ordni ta' din il-Qorti.

Ikkunsidrat illi:

1. Ir-rikorrenti Bartolo u Desira ġew arrestati mill-Pulizija fil-31 ta' Marzu 1989. Ġew preżentati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta dakinhar stess għall-ħabta tal-11.00 p.m. jew il-11.30 p.m. fuq akkuża, fost akkużi oħrajn, ta' tentattiv ta' omiċidju. Dik il-Qorti semgħet ir-rapport bil-ġurament ta' l-Ispettur tal-Pulizija Antoine Casha u Alphonse Cauchi, u eżaminat lir-rikorrenti kif dispost fl-artikolu 390(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ġew esebiti l-fedini penali u ċertifikati tat-twelid taż-żewġ rikorrenti.

2. Dakinhar ma tressqux provi oħrajn. Minn verbal datat 31 ta' Marzu 1989 fl-atti tal-kompilazzjoni jidher li dakinhar il-kompilazzjoni ġiet differita għat-13 ta' April 1989. Dan il-verbal però mhuwiex korrett, għar-raġunijiet segwenti.

3. Fl-10 ta' April 1989 l-Avukat Ġenerali ppreżenta rikors li bih talab lill-Qorti tal-Maġistrati biex tirrikjama l-kompilazzjoni "**għal data aktar fil-viċin**". B'digriet ta' l-istess data, jiġifieri tal-10 ta' April 1989 dik il-Qorti **laqgħet it-talba** u ordnat li l-kompilazzjoni tiġi **rikjamata** għat-13 ta' April 1989 fid-9.30 a.m. Dan id-digriet kien ikun bla sens kieku fil-31 ta' Marzu 1989 il-kompilazzjoni kienet ġiet differita rejalment proprju għat-13 ta' April 1989. Evidentement fil-31 ta' Marzu 1989 il-kompilazzjoni kienet ġiet differita għal data, jekk qatt, wara t-13 ta' April, 1989.

4. Il-premess jikkonferma l-fatti kif deposti quddiem din il-Qorti mill-avukat Dottor Joseph Buttigieg li kien qiegħed jidher għar-rikorrenti fil-kompilazzjoni. Dottor Buttigieg xehed li l-Erbgħa, 5 ta' April 1989 filgħodu huwa staqsa lill-maġistrat presjedenti l-Qorti Istruttorja għal meta kien ser "jappunta" l-kompilazzjoni għas-smiegħ. Il-maġistrat tah x'jifhem li minħabba d-diffikultà li ma kellux awla disponibbli kien ser iħalli s-smiegħ għas-7 ta' April 1989 jew jekk mhux għal dakinhar, għal nhar l-Erbgħa 12 ta' April 1989. Allura fis-6 ta' April 1989 Dottor Buttigieg reġa' kellem lill-maġistrat u dana qallu li l-kompilazzjoni kienet "ġiet appuntata" għad-19 ta' April 1989. Dottor Buttigieg wera' lill-maġistrat li ma kienx sodisfatt li s-smiegħ kien ġie fissat għal tant bogħod.

5. Dan kollu juri biċ-ċar li fil-31 ta' Marzu 1989 wara l-eżami ta' l-imputati ċjoè r-rikorrenti, ma kinitx rejalment ġiet fissata mill-Qorti Istruttorja data għas-smiegħ tal-provi fil-kompilazzjoni. Almenu sas-6 ta' April 1989 dik id-data kienet għadha inċerta.

6. Intant, fl-1 ta' April 1989 ġew preżentati rikorsi, quddiem il-Qorti Istruttorja biex tiġi akkordata l-libertà provviżorja liż-żewġ rikorrenti. Billi l-1 ta' April 1989 kien nhar ta' Sibt, l-Avukat Ġenerali ġie notifikat b'dawk ir-rikorsi t-Tnejn ta' wara, 3 ta' April. (Dan jidher li sar bi ksur ta' l-artikolu 575(2) tal-Kodiċi Kriminali li jimponi l-komunika ta' tali rikors, lill-Avukat Ġenerali dak inhar stess li jiġu preżentati).

7. Fuq ir-risposti ta' l-Avukat Ġenerali għal dawk ir-rikorsi b'digriet tal-4 ta' April 1989 il-Qorti, fil-każ ta' kull rikors irriservat li "tipprovdi dwar it-talba għall-libertà provviżorja fl-ewwel seduta tal-kompilazzjoni wara li tisma' l-partijiet". B'dan

il-mod, billi meta ngħata dan id-digriet id-data ta' dik is-seduta kienet għadha inċerta, il-Qorti tal-Maġistrati rrimandat prattikament sine die d-deċiżjoni tagħha dwar il-konċessjoni jew le tal-libertà provviżorja.

8. *Bħala prinċipju l-libertà tal-persuna hija* r-regola, u l-arrest tagħha għandu jitqies bħala l-eċċezzjoni. Dan il-prinċipju huwa kjarament konfermat fl-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja msemmija. Dawn iż-żewġ artikoli, di fatti, jibdew biex jiddisponu fis-sens li ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li jsegwu. Minn dan jitnissel li l-Qorti tal-Maġistrati appena ġiet a konjizzjoni tar-risposta ta' l-Avukat Ġenerali fuq ir-rikorsi tar-rikorrenti għall-libertà provviżorja kienet tenuta bla dewmien tistħarreġ jekk kienx il-każ li tirristabilixxi r-regola u tikkonċedi l-libertà provviżorja, anki taħt kundizzjoni, jew jekk kienx hemm raġunijiet li għalihom tiċħad il-libertà. Minn tali stħarriġ il-Qorti forsi kienet issib li kien hemm lok li tilqa' t-talba tar-rikorrenti. Bil-fatt li rrimandat id-deċiżjoni tagħha bil-mod deskritt fil-paragrafu preċedenti dik il-Qorti pprivat lir-rikorrenti mill-possibilità ta' l-otteniment tal-libertà provviżorja sa mill-4 ta' April 1989. Ir-rikorrenti ġew ipprivati minn dik il-possibilità anki *għal żmien indeterminat filwaqt li forsi kienu, u forsi għadhom* jeżistu ċirkostanzi li jiġġustifikaw il-għotjien tal-libertà provviżorja.

9. Meta kif intqal ġie stabbilit id-19 ta' April 1989 għall-kompilazzjoni ġie krejat il-perikolu tal-ksur tat-tieni proviso ta' l-artikolu 401(1) tal-Kodiċi Kriminali. Dan igħid li kemm il-darba matul il-kompilazzjoni ma jkunx ingħata l-ħelsien mill-arrest, l-akkużat għandu jinġieb quddiem il-Qorti għall-anqas darba kull ħmistax il-ġurnata biex il-Qorti tiddeċidi jekk għandux

jibqa' arrestat. Jiġifieri mhux talli l-arrest tar-rikorrenti ma kienx ġie rivedut mill-Qorti appena kienet saret it-talba għall-libertà provviżorja, talli din ir-reviżjoni kienet ser issir mhux qabel dsatax-il ġurnata mid-data ta' l-arrest bi ksur ta' l-artikolu msemmi.

10. Għalhekk il-lamentela tar-rikorrenti fir-rikors odjern hija ġustifikata.

11. Ġie sottomess mill-intimati li r-rikorrenti, qabel ma adixxew din il-Qorti, ma kinux użaw ir-rimedji ordinarji għall-ksur allegat, liema rimedji kienu disponibbli għalihom skond il-liġi. Kemm fil-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll bl-Att XIV ta' l-1987, din il-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha f'każ li tkun sodisfatta li r-rikorrenti ma kinux użaw dawk ir-rimedji ordinarji.

12. Jidher li r-rikorrenti, qabel ma pproċedew bir-rikors odjern setgħu ppreżentaw rikors li bih jitolbu lill-Qorti tal-Maġistrati tikkonsidra u tiddeċidi bla dewmien it-talba tagħhom għall-libertà provviżorja. Ir-rikorrenti dan ma għamluhx. Din il-Qorti b'danakollu, tenut kont taċ-ċirkustanzi msemmijin tal-każ, ma jidhrilhiex desiderabbli li tastjeni ruħha minnu. Jeħtieġ jiġi assikurat li t-talba tar-rikorrenti għall-libertà provviżorja tagħha tiġi, mingħajr aktar dewmien, konsiderata u deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati. Għal dan l-iskop din il-Qorti ser tipprovdi kif infraskritt, tenut kont tal-fatt illi issa ġiet fissata mill-Qorti tal-Maġistrati d-data tat-13 ta' April 1989 għall-kompilazzjoni.

13. F'dan l-istadju l-Qorti tgħaddi biex tikkonsidra l-eċċezzjonijiet tan-nullità tar-rikors fil-konfront ta' l-intimati. Veru li fir-rikors ma hemm ebda allegazzjoni li tikkonduċi għall-

kundanna ta' l-intimat Kummissarju tal-pulizija. B'danakollu kienet il-pulizija li pproċediet għall-arrest tar-rikorrenti, li ppreżentathom u akkużathom quddiem il-Qorti kompetenti biex il-każ tagħhom jiġi nvestigat skond il-liġi u li qegħda tmexxi l-prosekuzzjoni fil-kompilazzjoni relativa. Għalhekk il-Kummissarju għandu nteress f'dan ir-rikors. Il-preżenza tiegħu f'din il-proċedura tagħtih il-fakoltà u l-faċilità li jagħmel, kif fil-fatt għamel, sottomissjonijiet utili għall-aħjar istruzzjoni tal-proċedura. Huwa għandu nteress fl-eżitu ta' l-istess proċedura għaliex f'każ ta' ordni għal-liberazzjoni tar-rikorrenti mill-arrest dak l-ordni jkollu jiġi esegwit minnu.

14. Kwantu għall-Aġent Reġistratur tal-Qrati, il-liġi ma tawtorizzahx li joqgħod fi proċedura bħal din preżenti intiża biex tagħti rimedju kontra arrest illegali. Ċertament ma għandux is-setgħa li jillibera lill-arrestat, jew li jġiegħel li xi ħadd jilliberah. Ir-Reġistratur ma jirrappreżentax il-Qorti, l-ebda Qorti, fil-funzjoni ġudizzjarja tagħha. Ma għandux is-setgħa li jinfluwenza d-deċiżjonijiet dwar l-għoti jew iċ-ċaħda tal-libertà lill-arrestati. L-esekuzzjoni ta' l-ordnijiet tal-Qorti tifforma parti mill-funzjoni ordinarja tiegħu.

15. Fi kwalunkwe każ, ma jidhirx li rikors bħall-preżenti, li bih jintalab rimedju għall-allegata vjolazzjoni ta' dritt fundamentali, għandu jiġi dikjarat null u ma titteħidx konjizzjoni tiegħu għar-raġuni tan-nuqqas ta' leġittimu kontradittur. Il-qorti għandha tinvestiga l-allegazzjoni u tfittex li jekk ikun hemm lok, tipprovdi rimedju anki f'każ li min ikun responsabbli għall-vjolazzjoni, bħal meta din tkun il-Qorti, ma jkunx azzjonabbli.

Għall-motivi premessi tipprovdi billi:

(a) tiddikjara li bid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tal-4 ta' April 1989 fuq rikorsi tar-rikorrenti biex tiġi akkordata lilhom il-libertà provviżorja f'liema digriet irriservat li tipprovdi dwar it-talba għall-libertà provviżorja fl-ewwel seduta tal-kompilazzjoni, u dan meta ma kienx hemm data fissata għal dik is-seduta, saret vjolazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti tad-dritt fundamentali għall-libertà personali sanċit bl-artikoli 34(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

(b) Tordna li fit-13 ta' April 1989 fid-9.30 a.m. il-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tittratta t-talbiet tar-rikorrenti għall-libertà provviżorja u fi żmien raġonevoli tiddeċidi jekk dawk it-talbiet għandhomx jiġu akkolti jew le.

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.

Tordna lir-Reġistratur biex bla dewmien jikkomunika din is-sentenza b'kopja lill-Qorti li qegħda tikkonduċi l-kompilazzjoni relativa.

Kontra din is-sentenza appellaw iż-żewġ intimati u d-diversi aggravji tagħhom se jiġu trattati f'paragrafi enumerati, fl-ordni li tiddetta l-materja tagħhom.

Qabel ma jsir dan però, għandu jiġi nnotat illi fil-verbal tat-28 ta' Ġunju 1989, ġie reġistrat illi Dr. Joseph Brincat u Dr. Joseph Buttigieg, difensuri tar-rikorrenti infurmaw lill-Qorti illi fil-frattemp, Edwin Bartolo u Alfred Desira kienu ingħataw il-libertà provviżorja.

L-aggravji ta' l-intimati kienu dawn:

A. Iż-żewġ intimati jillamentaw illi għalkemm l-ebda wieħed minnhom ma ġie kunsidrat bħala leġittimu kontradittur tar-rikors xorta waħda ingħatat sentenza fil-konfront tagħhom b'mod li jidhru li huma kisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u kull wieħed minnhom ġie kundannat ibagħti l-ispejjeż tiegħu.

Dan il-lament da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija m'huwiex korrett.'' Il-paragrafu 13 tas-sentenza rapportata jgħid illi l-istess Kummissarju tal-Pulizija għandu nteress intrinsiku fir-rikors għaliex il-proċeduri kollha li għalihom kienu assoġġettati l-intimati saru minnu u għalhekk huwa l-leġittimu kontradittur ta' l-istanza.

Huwa veru, li sfortunatament, l-ewwel Qorti, fil-paragrafu 15 qalet illi:

''Fi kwalunkwe każ, ma jidhirx li rikors bħal preżenti, li bih jintalab rimedju għal allegata vjolazzjoni ta' dritt fundamentali għandu jiġi dikjarat null u ma titteħidx konjizzjoni tiegħu għar-raġuni ta' nuqqas ta' leġittimu kontradittur u dan mhuwiex korrett.''Però minn eżami ta' dawn it-tlett paragrafi tas-sentenza appellata – it-13, l-14 u l-15, – fl-ewwel wieħed, il-Qorti irriteniet li l-Kummissarju huwa l-leġittimu kontradittur ta' l-istanza, fit-tieni wieħed qalet li l-Aġent-Reġistratur ta' dawn il-Qrati – m'għandux *locus standi* u għalhekk fit-tielet paragrafu, l-konkluzzjoni ma ssegwix miż-żewġ premessi tal-Qorti stess fir-rigward.

Huwa minnu illi l-Aġent-Reġistratur ta' dawn il-Qrati

mhuwiex il-leġittimu kontradittur tal-materja tar-rikors u kellu infatti jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju – salv dak li se jingħad aktar 'l isfel – ara paragrafu mmarkat E.

Billi l-Qorti essenzjalment irriteniet illi l-Kummissarju tal-Pulizija kien il-leġittimu kontradittur ta' l-istanza, is-sentenza tagħha ma tistax tiġi konsiderata nulla inkwantu dejjem ingħatat fil-konfront ta' min kellu jirrispondi għat-talbiet tar-rikorrenti.

Għar-rigward ta' din il-problema li tirrigwarda min għandhom ikunu l-leġittimi kontraditturi f'dawn il-kawżi ta' natura kostituzzjonali, il-Qorti tirriferixxi għal dak li hija ppronunzjat fis-sentenza tagħha, tas-7 ta' Diċembru 1990 fir-rikors numru 278/89 fl-ismijiet: ''Joseph Abela vs l-Onorabbli Prim Ministru et''.

B. It-tieni aggravju: Huwa veru illi fir-rikors tagħhom ir-rikorrenti ma nvokawx l-artikoli 34(1) tal-Kostituzzjoni u 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, imma semmew l-artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 5(3) u (4) tal-Konvenzjoni Ewropeja – filwaqt li s-sentenza appellata applikat ta' l-ewwel minn jeddha, u skartat dawk li ċċitaw ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti ma semmewx l-artikoli li ġew applikati kif kienu obbligati li jagħmlu skond ir-regola proċedurali numru 3(1) ta' l-Avviż Legali numru 48/1964.

Dan kollu però – f'proċedura kostituzzjonali – ma jimportax in-nullità tas-sentenza appellata – sakemm l-intimati ma jurux li din id-devjazzjoni minn normalità proċedurali segwita fil-każijiet ċivili komuni, ippreġudikathom fid-drittijiet tagħhom għal difiża valida kontra dak li rriżulta u ġie nvokat fit-trattazzjoni tar-rikors għalkemm ma ġiex imsemmi fl-att ġudizzjarju inizzjali. Ebda preġudizzju bħal dan ma ġie allegat

f'dan l-appell u għalhekk mhux il-każ li dan l-aggravju ta' l-intimati jwassal għall-annulament tas-sentenza.

Fil-proċeduri kostituzzjonali, il-formalità hija ridotta għall-minimu neċessarju u jiddependi kollox mid-diskrezzjoni tal-ġudikant li jkun qed jippresjedi, li għandu jara li jiġu salvagwardati l-prinċipji kollha tal-ġustizzja proċedurali.

Il-ġudikant mhux marbut li joqgħod biss għal dak li jista' jkun hemm miktub mir-rikorrent għal dak li hija l-indikazzjoni preċiża ta' l-artikoli kostituzzjonali li jiddelinejaw id-drittijiet fundamentali tiegħu – salv naturalment, u kompatibbilment mad-drittijiet ta' l-intimati li ma jiġux sorpriżi w preġudikati bil-fatt li jiġu deċiżi kwistjonijiet li huma ma kellhomx l-opportunità li jeżaminawhom u jiddefendu ruħhom fuqhom – għaliex b'hekk altrimenti, jiġu preġudikati nġustament id-drittijiet tad-difiża.

Il-flessibiltà proċedurali li għaliha għada kif saret riferenza, hija illustrata mill-Kostituzzjoni stess fl-artikolu 46(2) fejn il-Qorti hija liċenzjata li: "... tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (inklużi) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna".

*Din il-liċenzja tawtorizza 'l-Qorti li tmur ultra petita* – u għalhekk l-intimati m'għandhomx raġuni li jillamentaw li s-sentenza appellata għamlet proprju hekk. Id-direttiva hija li d-deċiżjoni trid tkun konformi ma' dak li l-Qorti tqis xieraq u mhux in konformità ma dak li jitlob ir-rikorrent – kif tobbliga l-proċedura normali.

Ċ. Dan it-tielet aggravju jittratta fuq il-fatti li ġraw jew ma ġrawx quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, bħala Qorti Istruttorja.

*Din il-Qorti tikkonfessa illi ma saret ebda prova ċara u* nkontrovertibbli li, għandha iġġelha tiddubita mill-eżistenza u l-veraċità tal-verbal tal-Qorti Istruttorja tal-31 ta' Marzu 1989 li jgħid:

"Differita għat-13 ta' April 1989."

liema verbal huwa attestat mill-iskrivana li kienet qed tagħmel il-veċi tar-Reġistratur fl-awla tal-Qorti Istruttorja.

Is-sentenza appellata, tgħid li dan il-verbal mhux "korrett" u li fil-31 ta' Marzu 1989 "ma kenitx rejalment ġiet fissata mill-Qorti Istruttorja data għas-smiegħ tal-provi fil-kumpilazzjoni".

Dawn il-konklużjonijiet, l-ewwel Qorti waslet għalihom għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 tas-sentenza.

L-ewwel *deduzzjoni saret fuq il-bażi illi meta fl-10 ta' April* 1989 l-Avukat Ġenerali talab li l-Qorti tappunta l-kumpilazzjoni **għal data aktar viċina** u l-Qorti ordnat li l-kumpilazzjoni tiġi **rikjamata** għat-13 ta' April 1989 – allura:

"Dan id-digriet kien ikun bla sens kieku fil-31 ta' Marzu 1989 il-kumpilazzjoni kienet ġiet differita rejalment proprju għat-13 ta' April 1989".

Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti din il-konklużjoni mhix konsentita mill-premessi tal-fatti msemmija.

L-użu tal-kelma "rikjamata" tippresupponi data oltre dik li għaliha sar ir-rikjam, ċjoè it-13 ta' April 1989, però dan ma jfissirx li l-kawża ma kenitx ġiet – **minn maġistrat ieħor** – fil-31 ta' Marzu 1989 – differita għal dik id-data. L-indaġini tal-provi fir-rigward, billi ngħata daqstant piż għall-kelma "*rikjamata*" (*liema piż ta'* **verità** *annulla l-portata tal-verbal* tad-differiment tal-31 ta' Marzu 1989) – kellha għalhekk testendi għall-eżami ta' kweżiti oħra, fosthom, l-ewwel waħda. – Jekk l-istruttorja ma kenitx differita għat-13 ta' April 1989, mill-liema data, kien qed **jirrikjamha,** il-kawża l-maġistrat? Ma tirriżulta ebda data oħra mill-**atti.** U la l-kelma **"rikjamat"**, qed tingħata dan il-piż kollu u hija mogħbbija bil-verità, allura għandha tirrispondi għal din id-domanda primarja.

Rigward ix-xiehda tal-avukat Dottor Joseph Buttigieg – din il-Qorti ma jidhrilhiex li għaliex il-Maġistrat Inkwirenti qal lill-istess avukat – f'konversazzjoni li ma jidhirx illi okkorriet fis-seduta u fil-presenza tal-kontroparti – ċjoè l-Kummissarju tal-Pulizija jew xi wieħed mill-uffiċjali li kienu qed jirrappreżentawh – li l-kumpilazzjoni kienet "ġiet appuntata" għad-19 ta' April 1989 – b'daqshekk l-kumpilazzjoni kienet ġiet **attwalment** u **skond il-liġi** hekk appuntata. L-appuntament tal-kawżi ma jsirx bil-kliem imma bil-kitba.

Għalhekk ebda waħda mir-raġunijiet adottati mill-ewwel Onorabbli Qorti – ma jistgħu jiġu sottoskritti minn din il-Qorti.

Sewwa illamentaw l-intimati illi "*De fide et officio judicis non recipitur questio*" – hija massima valida li m'għandhiex tiġi abbundunata mingħajr kawtela u prudenza kbira.

D. Mill-eżami ta' l-atti tal-kumpilazzjoni, il-Qorti tħossha

disturbata minn-nuqqasijiet ta' preċiżjoni u attenzjoni kif jiġu redatti l-atti, u omissjonijiet ta' gwida kif imiss tal-proċediment u bil-mod pjuttost laxk li bih ġiebu ruħhom il-maġistrati li jissemmew fix-xiehda jew li ħadu konjizzjoni tad-diversi fażijiet tal-kawża.

E. Hija din l-aħħar konsiderazzjoni (paragrafu D) u konklużżjoni li tispjega s-sentenza appellata.

Meta l-ewwel Onorabbli Qorti tikkritika d-dìgriet li fih il-Qorti Istruttorja fl-**4 ta' April, 1989** – fuq ir-rikors għall-libertà provviżorja tar-rikorrenti tal-**1 ta' April, 1989** – jingħad "li tipprovdi dwar it-talba għall-libertà provviżorja fl-ewwel seduta tal-kumpilazzjoni, wara li tisma' l-partijiet" turi nuqqas ta' sens ta' urġenza li tirrikjedi kwistjoni hekk importanti bħal ma hija l-libertà provviżorja ta' l-imputati speċjalment, meta l-proċeduri kriminali jkunu fil-bidu tagħhom.

Ġustament is-sentenza appellata rrimarkat fuq in-nuqqas ta' konformità mal-liġi da parti ta' l-Aġent Reġistratur ta' dawn il-Qrati li naqas li jinnotifika lill-Avukat Ġenerali bir-rikors tar-rikorrenti dakinhar stess li sar – ċjoè fl-1 ta' April, 1989 – kif jiddisponi l-artikolu 575 sub-artikolu (2), biex b'hekk, anki r-risposta ta' l-Avukat Ġenerali ġiet ritardata b'ġurnata. U inċidentalment dan jindika għaliex l-Aġent Reġistratur seta' jkun il-leġittimu kuntradittur ta' l-istanza.

F. L-intimati jillamentaw ukoll illi r-rikorrenti ma kinux esawrew ir-rimedji ordinarji u li l-Qorti Ċivili warbet din l-eċċezzjoni għaliex kien "jeħtieġ jiġi assikurat li t-talba tar-rikorrenti għall-libertà provviżorja tiġi, mingħajr ebda dewmien, kunsidrata u deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati".

Fuq dan l-aggravju din il-Qorti jidhrilha illi (a) meta ġie preżentat ir-rikors tar-rikorrenti **ma kien hemm ebda ndikazzjoni konkreta** li t-talba għall-libertà provviżorja kienet se tiġi kunsidrata u deċiża mill-Qorti Istruttorja fi żmien raġjonevolment rapidu; (b) din il-posizzjoni tbiddlet radikalment meta fil-11 ta' April 1989 ġie reġistrat dan il-verbal:

"Il-Qorti,

Wara li ħadet konjizzjoni tad-Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati li bih irrikjamat il-kompilazzjoni għat-13 ta' April, 1989, u wara li semgħet lill-avukati, tipproċedi biex tagħti s-sentenza. Aktar tard il-kawża ġiet deċiża."

Jidher għalhekk illi l-ewwel Onorabbli Qorti ħasset il-ħtieġa li billi bid-digriet ta' l-4 ta' April 1989 tal-Qorti Istruttorja, kienet saret vjolazzjoni ta' l-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni – hija kellha tordna li fit-13 ta' Aprill 1989 fid-9a.m. dik il-Qorti kellha tittratta t-talbiet tar-rikorrenti għall-libertà provviżorja u fi żmien raġjonevoli tiddeċidi fuq dawk it-talbiet.

Dan kollu jindika illi l-ewwel Onorabbli Qorti *riedet* tassigura li r-rimedju ordinarju – li kien ġie effettivament frustrat fl-ewwel fażi, jiġi issa f'din l-aħħar fażi sodisfaċentement implimentat – billi jiġu kunsidrati u deċiżi – favur jew kontra – it-talbiet tar-rikorrenti.

G. Finalment l-intimati qegħdin jissottomettu illi r-rikorrenti kienu fil-kustodja tad-Direttur tal-Ħabs u huma għalhekk ma kellhom ebda setgħa li jirrilaxxjawhom mill-arrest.

Dan l-aggravju mhux ġustifikat għaliex is-sentenza appellata ma tat ebda ordni għar-rilaxx tar-rikorrenti. Jekk dan huwa kumment jew illustrazzjoni tal-kwistjoni li l-intimati ma kinux il-leġittimi kontradittturi ta' l-istanza, allura fuq din il-kwistjoni, din il-Qorti diġà kellha l-okkażjoni li tesprimi ruħha u tgħid x'tikkunsidra li hija l-posizzjoni proċedurali korretta fir-rigward, u riferenza għas-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 1990 fl-Appell Kostituzzjonali Joseph Abela vs l-Onorevoli Prim Ministru et – hija biżżejjed, biex ma ssirx ripetizzjoni.

H. Dan l-appell sar fl-24 ta' April 1989 meta l-libertà provviżorja kienet diġà ġiet konċessa lir-rikorrenti bir-riżultat illi t-trattazzjoni tiegħu u din is-sentenza huma sprofondati in vacuo – billi huma nieqsa mill-potenzjalità esekuttiva, minn materjalità effettiva, u ġew ridotti għal eżerċizzju teoretiku nieqes mill-prattiċità – ħaġa li għandha tiġi evitata f'kull proċess ġudizzjarju li essenzjalment huwa immirat biex jinċidi fuq il-**prattika**. Dan huwa dovut għaċ-ċirkostanza speċjali ta' dan il-każ fejn l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li m'għandhiex lanqas tissoprassjedi għal tlett ijiem jew ftit aktar, biex tikkonstata jekk ir-rimedju li kienet qed tipprospetta kienx ġie attwalment konċess mill-Qorti tal-Maġistrati – kif kien imħabbar li sejjer isir fil-verbal ta' l-avukati ta' l-istess rikorrenti ftit siegħat qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza.

Din il-Qorti fuq daqshekk, barra minn dak li għadu kif intqal, ma jidhrilhiex li għandha tidħol biex teżamina dak l-eżerċizzju diskrezzjonali ta' l-ewwel Qorti.

Din is-sentenza infatti għandha titqies bħala proċedura eċċezzjonali ġustifikata biss mill-kunsiderazzjoni li billi l-problemi ta' dritt kostituzzjonali għadhom qegħdin f'fażi inizzjali w

evoluttiva, eżami teoretiku tal-prassii proċedurali w materja, jiswa bħala indikazzjoni għall-korrettezza proċedurali l-materja ta' proċedura kostituzzjonali.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tikkonferma dak li ġie deċiż fil-paragrafu (a) tas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla tal-11 ta' April 1989, tiddikjara eżawrita f'materja deċiża fil-paragrafu (b) ta' l-istess sentenza u b'hekk tiddisponi mill-appelli ta' l-intimati inkwantu dawn jolqtu d-deċiżjonijiet li hemm fis-sentenza appellata.

F'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.